KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fil-25 ta' Lulju 2018[1]

**Kawża C-452/17**

**Zako SPRL**
**vs**
**Sanidel SA**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-tribunal de commerce de Liège (il-Qorti Kummerċjali ta' Liège, il-Belġju))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Moviment liberu tal-persuni – Libertà ta' stabbiliment – Direttiva 86/653/KEE – Artikolu 1 – Aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom– Kunċett ta' 'aġent kummerċjali' – Intermedjarju li jaħdem għal rasu li ma jfittixx u ma jżurx lill-klijenti jew lill-fornituri barra mill-impriża tal-prinċipal u li jwettaq kompiti oħrajn minbarra dawk marbutin man-negozjar tal-bejgħ jew tax-xiri tal-merkanzija għall-prinċipal"

## I. Introduzzjoni

1. L-etimoloġija tal-kunċett ta' "kummerċjant vjaġġatur" tenfasizza l-partikolarità ta' din il-professjoni, jiġifieri li, tradizzjonalment, il-persuni li jeżerċitaw din il-professjoni kienu jivvjaġġaw biex ifittxu klijenti u jippreżentawlhom personalment il-vantaġġi tal-prodotti biex ibiegħuhom. Illum il-ġurnata, jintuża pjuttost il-kunċett ta' "aġent kummerċjali" biex jiddeskrivi persuni involuti fil-bejgħ ta' prodotti f'isem u għan-nom ta' persuna oħra. Sa liema punt it-tifsira tradizzjonali tal-kunċett ta' "kummerċjant vjaġġatur" għadha valida llum fir-rigward tal-kunċett ta' "aġent kummerċjali"?

2. Huwa f'dan il-kuntest li tidħol l-ewwel domanda preliminari magħmula mit-tribunal de commerce de Liège (il-Qorti Kummerċjali ta' Liège, il-Belġju), li ser tagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja l-okkażjoni li tiżviluppa l-ġurisprudenza tagħha dwar l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 86/653/KEE[2].

3. Fuq l-istess linji, permezz tat-tieni u t-tielet domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar it-twettiq minn aġent kummerċjali ta' kompiti differenti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 86/653.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Direttiva tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 1986 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membru li jirrigwardaw aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 17, p. 177).

## II. Il-kuntest ġuridiku

### A. Id-dritt tal-Unjoni

4. Il-Kapitolu I tad-Direttiva 86/653, intitolat "Il-Kamp ta' l-applikazzjoni", jinkludi l-Artikoli 1 u 2. Skont l-Artikolu 1 ta' din id-direttiva:

"1. Il-miżuri ta' armonizzazzjoni stipulati minn din id-Direttiva għandhom japplikaw għal-liġijiet, għar-regolamenti u għad-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn aġenti kummerċjali u l-prinċipali tagħhom.

2. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, 'aġent kummerċjali' għandu jfisser intermedjarju li jaħdem għal rasu li jkollu awtorità kontinwa li jinnegozja l-bejgħ jew ix-xiri ta' merkanzija f'isem persuna oħra, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa l-'prinċipal', jew li jinnegozja u jikkonkludi dawn l-operazzjonijiet għan-nom ta' u f'isem dak il-prinċipal.

3. Aġent kummerċjali għandu jinftiehem fis-sens ta' din id-Direttiva bħala li ma jinkludix b'mod partikolari:

– persuna li, fil-kapaċità tagħha bħala uffiċjal, tkun awtorizzata li tidħol f'impenji li jorbtu fuq kumpannija jew assoċjazzjoni,

– sieħeb li huwa legalment awtorizzat li jidħol f'impenji li jorbtu lis-sieħba tiegħu,

– riċevitur, riċevitur u amministratur, likwidatur jew trustee f'falliment."

5. Barra minn hekk, l-Artikolu 2 tad-Direttiva 86/653 jipprovdi li:

"1. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal:

– aġenti kummerċjali li l-attivitajiet tagħhom huma mingħajr ħlas,

– aġenti kummerċjali meta dawn joperaw fuq skambji ta' komodità jew fis-suq ta' komoditajiet, jew,

– il-korp magħruf bħala Crown Agents for Overseas Governments and Administrations, kif stabbilit taħt il-Crown Agents Act1979 fir-Renju Unit, jew is-sussidjarji tiegħu.

2. Kull Stat Membru għandu jkollu d-dritt li jipprovdi li d-Direttiva m'għandhiex tapplika għal dawk il-persuni li l-attivitajiet tagħhom bħala aġenti kummerċjali huma kkunsidrati sekondarji bil-liġi ta' dak l-Istat Membru."

## B. Id-dritt Belġjan

6. Id-Direttiva 86/653 ġiet trasposta fid-dritt Belġjan permezz tal-loi du 13 avril 1995 relative aux contrats d'agence commerciale (il-Liġi dwar il-Kuntratti tal-Aġenziji Kummerċjali tat-13 ta' April 1995) (Moniteur belge tat-2 ta' Ġunju 1995, p. 15621). L-Artikolu 1 ta' din il-liġi, ikkodifikat fl-Artikolu I.11.1 tal-code de droit économique (il-Kodiċi tad-Dritt tal-Ekonomija), jiddefinixxi l-kuntratt ta' aġenzija kummerċjali kif ġej:

"Il-kuntratt li permezz tiegħu waħda mill-partijiet, l-aġent kummerċjali, tkun inkarigata b'mod permanenti, u bi ħlas, mill-parti l-oħra, il-prinċipal, mingħajr ma tkun suġġetta għall-awtorità ta' dan tal-aħħar, li tinnegozja u eventwalment tikkonkludi negozju għan-nom ta' u f'isem il-prinċipal. L-aġent kummerċjali għandu jorganizza l-attivitajiet tiegħu kif jixtieq u jista' jiddisponi liberament mill-ħin tiegħu."

## III. Il-fatti tal-kawża prinċipali

7. Sanidel SA, kumpanija rregolata mid-dritt Belġjan, assenjat il-promozzjoni u l-bejgħ ta' kċejjen tal-qjies fl-istabbiliment tagħha li jinsab fil-Belġju lil ZAKO SPRL, kumpannija rregolata mid-dritt Belġjan, ikkostitwita b'mod partikolari minn André Ghaye.

8. A. Ghaye kien ilu jaħdem minn tmiem is-sena 2007 bħala l-maniġer tas-settur tal-kċejjen bil-qjies ta' Sanidel mingħajr ma ġie stabbilit ebda ftehim bil-miktub bejn iż-żewġ partijiet. Kif tispjega l-qorti tar-rinviju, A. Ghaye kien jagħmel xogħolu fl-istabbiliment ta' Sanidel b'mod sedentarju.

9. Barra minn hekk, il-kompiti ta' A. Ghaye kienu li jagħżel il-prodotti u l-fornituri kif ukoll il-politika kummerċjali, b'mod partikolari kien jilqa' lill-klijenti, ifassal il-pjanti tal-kċejjen, iħejji kwotazzjonijiet, jinnegozja l-prezzijiet, jiffirma l-ordnijiet, jieħu l-kejl fuq il-post, isolvi t-tilwim, jiġġestixxi l-persunal tad-dipartiment tal-kċejjen tal-qjies, joħloq u jiġġestixxi s-sit tal-internet tal-bejgħ online, jiżviluppa l-bejgħ kif ukoll in-negozjar u jiffinalizza l-kuntratti ta' subappalt f'isem Sanidel.

10. F'Ottubru 2012, Sanidel innotifikat lil ZAKO li hija kienet ser ittemm ir-relazzjoni kuntrattwali tagħhom mingħajr kumpens u lanqas avviż minn qabel.

11. Ir-rikors ippreżentat minn A. Ghaye quddiem it-tribunal du travail de Marche-en-Famenne (il-Qorti Industrijali ta' Marche-en-Famenne) (il-Belġju) kontra Sanidel, li permezz tiegħu huwa talab il-ħlas ta' diversi servizzi, ġie ddikjarat infondat. Din il-qorti qieset li A. Ghaye ma weriex li huwa eżerċita l-funzjonijiet tiegħu bħala parti minn kuntratt ta' impjieg. Id-deċiżjoni ta' din il-qorti ġiet ikkonfermata fl-appell mill-cour du travail de Liège (il-Qorti Industrijali ta' Liège, il-Belġju). Madankollu l'ebda waħda minn dawn il-qrati ma ntalbet tiddeċiedi fuq il-kwistjoni dwar jekk il-ftehim inkwistjoni kienx kuntratt ta' impriża jew kuntratt ta' aġenzija kummerċjali.

12. Fis-6 ta' Ġunju 2016, ZAKO ressqet rikors quddiem il-qorti tar-rinviju fejn invokat l-eżistenza ta' kuntratt ta' impriża.

13. Madankollu, skont Sanidel, il-ftehim inkwistjoni għandu jiġi kklassifikat bħala kuntratt ta' aġenzija kummerċjali, u għalhekk dan ir-rikors huwa inammissibbli, peress li ġie ppreżentat wara l-iskadenza tat-terminu ta' sena previst mil-leġiżlazzjoni Belġjana rilevanti.

14. Il-Qorti tar-rinviju tindika li hija ma hijiex marbuta mill-klassifikazzjoni li l-partijiet jagħtu lill-kuntratt tagħhom. Madankollu, hija għandha dubji dwar il-klassifikazzjoni tal-ftehim konkluż bejn il-partijiet fil-kawża prinċipali, peress li din il-klassifikazzjoni hija deċiżiva għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw it-termini li fihom il-kredituri għandhom jippreżentaw it-talbiet tagħhom quddiem il-qrati.

## IV. Id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

15. F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tribunal de commerce de Liège (il-Qorti Industrijali ta' Liège il-Belġju) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 1(2) tad-[Direttiva 86/653] għandu jiġi interpretat fis-sens li jeżiġi li aġent kummerċjali għandu jfittex u jżur il-klijenti jew il-fornituri barra mill-impriża tal-prinċipal?

2) L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva [86/653] għandu jiġi interpretat fis-sens li jeżiġi li l-aġent kummerċjali ma jkunx jista' jwettaq kompiti oħrajn minbarra dawk marbutin man-negozju tal-bejgħ jew tax-xiri tal-merkanzija għall-prinċipali u mal-innegozjar u mal-konklużjoni ta' dawn it-tranżazzjonijiet għan-nom u f'isem il-prinċipal?

3) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għat-tieni domanda, l-Artikolu 1(2) tad-[Direttiva 86/653] għandu jiġi interpretat fis-sens li jeżiġi li huwa biss b'mod anċillari li l-aġent kummerċjali jkun jista' jwettaq dawk il-kompiti li huma marbutin mal-innegozjar tal-bejgħ jew tax-xiri tal-merkanzija għall-prinċipali u mal-innegozjar u mal-konklużjoni ta' dawn it-tranżazzjonijiet għan-nom u f'isem il-prinċipal?"

16. It-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-27 ta' Lulju 2017.

17. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn Sanidel, mill-Gvern Ġermaniż u dak Taljan, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn il-persuni kkonċernati, bl-eċċezzjoni tal-Gvern Taljan, ipparteċipaw ukoll fis-seduta li saret fis-17 ta' Mejju 2018.

## V. Analiżi

### A. Fuq l-ewwel domanda preliminari

18. Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 86/653 għandux jiġi interpretat bħala li jeżiġi li l-aġent kummerċjali jeżerċita l-attivitajiet tiegħu b'mod itineranti, barra mill-istabbilimenti tal-prinċipal.

19. Il-partijiet ikkonċernati kollha li ppreżentaw osservazzjonijiet jaqblu li għandha tingħata risposta negattiva għal din id-domanda. B'mod ġenerali, huma jsostnu li d-Direttiva 86/653 ma tipprevedix li l-aġent kummerċjali għandu jeżerċita l-attività tiegħu b'mod itineranti.

#### *1. Fuq il-kundizzjonijiet għall-klassifikazzjoni ta' aġent kummerċjali (kriterji pożittivi)*

20. Kif semmejt fl-introduzzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, il-persuni li l-attività tagħhom kienet tikkonsisti fil-bejgħ ta' merkanzija lil klijenti kienu tradizzjonalment imsejħa "kummerċjanti li jivvjaġġaw". Dan il-kunċett jista' jissuġġerixxi li l-attività eżerċitata minn dawn il-persuni kienet ta' natura itineranti.

21. Barra minn hekk, filwaqt li l-qorti tar-rinviju tindika fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari li parti mid-duttrina, iċċitata minn Sanidel, issostni li l-ivvjaġġar għat-tiftix ta' klijenti ma huwiex essenzjali għall-kuntratt ta' aġenzija kummerċjali, ninnota li, skont parti oħra mid-duttrina, l-ivvjaġġar għat-tfittix tal-klijenti huwa inerenti għar-rwol tal-aġent, b'tali mod li persuna li l-attività tagħha hija li tilqa' lill-klijenti, mingħajr ma twettaq attività ta' bejgħ dirett fid-dar tal-klijenti, ma tistax titqies bħala

aġent kummerċjali [3].

22. Madankollu, l-ewwel nett, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma użax il-kunċett ta' "kummerċjant vjaġġatur" fid-Direttiva 86/653. Għalhekk, l-użu tal-kunċett ta' "aġent kummerċjali" f'din id-Direttiva jista' jkun indikazzjoni tal-fatt li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried li, bid-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, jitbiegħed mit-tifsira tradizzjonali tal-attività tal-bejgħ ta' oġġetti lill-klijenti.

23. It-tieni nett, hija ġurisprudenza stabbilita li l-protezzjoni tad-Direttiva 86/653 għandha tingħata lill-persuni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti, b'mod partikolari, fl-Artikolu 1(2) tagħha [4]. L-introduzzjoni ta' kundizzjonijiet addizzjonali tillimita għalhekk il-portata tal-protezzjoni kif stabbilita mil-leġiżlatur tal-Unjoni u din hija r-raġuni għaliex il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-protezzjoni tad-Direttiva 86/653 ma tistax tiġi suġġetta għal kundizzjonijiet li ma jinsabux f'din id-direttiva, għad-detriment tal-persuni li jwettqu l-kompiti msemmija fl-Artikolu 1(2) tagħha [5].

24. F'dak li jirrigwarda l-kwistjoni mqajma permezz tal-ewwel domanda, la fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 86/653 u lanqas f'dispożizzjonijiet oħra ta' din id-direttiva, ma nsib indikazzjonijiet li jimmilitaw favur l-interpretazzjoni li persuni li jiżvolġu l-attivitajiet stipulati f'din l-ewwel dispożizzjoni b'mod sedentarju huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva [6].

25. Fit-tielet lok, bħall-Gvern Ġermaniż, inqis li interpretazzjoni kuntrarja tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 86/653 teskludi mill-benefiċċju tal-protezzjoni tagħha lil persuni li bl-użu ta' mezzi teknoloġiċi moderni, iwettqu kompiti simili għal dawk imwettqa b'mod itineranti, minn aġenti kummerċjali li jivvjaġġaw. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li dawn il-mezzi teknoloġiċi moderni, jagħmluha possibbli li jiġu impjegati, b'mod partikolari, persuni li għandhom problemi motorji.

26. Bħala konklużjoni intermedja, nikkonstata, fl-ewwel lok, li n-natura itineranti tal-attività mwettqa bl-ebda mod ma tirriżulta mill-kunċett ta' "aġent kummerċjali". It-tieni nett, ma hemm xejn fid-Direttiva 86/653 li jindika li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jintroduċi kundizzjoni dwar l-ivvjaġġar fid-definizzjoni tal-aġent kummerċjali prevista fl-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva. Fl-aħħar nett u t-tielet nett, l-assenza ta' differenzi sostanzjali bejn il-persuni li jwettqu l-kompiti msemmija fl-Artikolu 1(2) tal-imsemmija direttiva 86/653 b'mod itineranti u dawk li jwettquhom b'mod sedentarju ma jiġġustifikax l-introduzzjoni ta' tali kundizzjoni.

### *2. Fuq il-kundizzjonijiet li jipprekludu l-klassifikazzjoni ta' aġent kummerċjali (kriterji negattivi)*

27. Barra minn hekk, naqbel mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni li tgħid li aġent kummerċjali jista' jeżerċita l-attività tiegħu b'mod sedentarju, sakemm tali sedentarjetà ma tippreġudikax l-indipendenza tiegħu mill-prinċipal.

3 Ara, f'dan is-sens, Verbraeken, C., de Schoutheete, A., "La loi 13 avril 1995 relative au contrat d'agence commerciale", Journal des tribunaux Nru 5764 (1995), p. 463 u 464. Ara wkoll, f'dan is-sens, Bogaert, G. De Keersmaeker, Ch., Van Ranst, N., f'Bogaert, G., Lohmann, U. (dir.), Commercial Agency and Distribution Agreements. Law and Practice in the Member States of the European Union, Kluwer Law International, Den Haag – Londra – Boston, 2000, p. 109.

4 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-30 ta' April 1998, Bellone (C-215/97, EU:C:1998:189, punt 13), u tad-9 ta' Novembru 2000, Ingmar (C-381/98, EU:C:2000:605, punt 20).

5 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-30 ta' April 1998, Bellone (C-215/97, EU:C:1998:189, punt 13), u tas-6 ta' Marzu 2003, Caprini (C-485/01, EU:C:2003:135, punt 19).

6 F'dan ir-rigward, nosserva li fil-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati fil-kawża Bellone (C-215/97, EU:C:1998:36, punt 31), l-Avukat Ġenerali Cosmas identifika tliet kundizzjonijiet *meħtieġa* u *suffiċjenti* sabiex persuna titqies bħala aġent kummerċjali, jiġifieri li tali persuna trid tkun, l-ewwel nett, intermedjarju indipendenti, it-tieni nett, tkun marbuta kuntrattwalment b'mod permanenti u, it-tielet nett, teżerċita attività li tikkonsisti jew f'li sempliċiment tinnegozja l-bejgħ jew ix-xiri ta' oġġetti, jew f'li tinnegozja u tikkonkludi dawn it-tranżazzjonijiet għan-nom ta' u f'isem il-prinċipal. Ninnota li dawn it-tliet kundizzjonijiet huma stabbiliti fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 86/653. Fi kwalunkwe każ, l-ivvjaġġar ma huwiex fost dawn il-kundizzjonijiet.

28. Jirriżulta mill-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 86/653 li l-attività ta' aġent kummerċjali għandha tkun indipendenti. Għalhekk, il-modi ta' twettiq tal-kompiti ta' intermedjarju li jistgħu jwasslu għat-telf tal-indipendenza ta' dan l-aġent ma jippermettux il-klassifikazzjoni ta' aġent kummerċjali fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

29. Jidhirli li din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-analiżi tal-ħidma preparatorja li wasslet għall-adozzjoni tad-Direttiva 86/653.

30. Kif jirriżulta mill-Artikolu 5(2)(e), tal-Proposta għad-Direttiva 86/653 [7], il-Kummissjoni inizjalment kienet ipproponiet li tippreċiża l-portata tal-obbligu tal-aġent kummerċjali li jobdi l-istruzzjonijiet tal-prinċipal, fis-sens li dan l-obbligu kien ikun impost fuqu "sa fejn [dawn l-istruzzjonijiet] ma jaffettwawx essenzjalment l-indipendenza tal-aġent" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

31. Jidhirli li kjarifika bħal din turi li l-Kummissjoni kienet ikkunsidrat li, f'ċerti każijiet, il-mod li bih isiru l-attivitajiet relatati man-negozjar jew mal-konklużjoni tat-tranżazzjonijiet ta' xiri jew ta' bejgħ jista' joħloq relazzjoni ta' subordinazzjoni li, kif kien jirriżulta mill-Artikolu 2 tal-proposta inizjali għad-Direttiva 86/653, ma kienx jippermetti l-klassifikazzjoni ta' aġent kummerċjali.

32. Ċertament, l-Artikolu 3(2)(ċ) tad-Direttiva 86/653 ma jipprovdi ebda preċiżjoni simili fir-rigward tal-portata tal-obbligu ta' konformità mal-istruzzjonijiet tal-prinċipal. Skont din id-dispożizzjoni, b'mod partikolari, l-aġent kummerċjali għandu jikkonforma ma' struzzjonijiet raġonevoli mogħtija mill-prinċipal tiegħu.

33. Madankollu, nikkunsidra li n-nuqqas ta' tali kjarifika dwar ir-rabta bejn is-subordinazzjoni għall-istruzzjonijiet ta' prinċipal u l-indipendenza ta' aġent kummerċjali fl-Artikolu 3(2)(ċ) tad-Direttiva 86/653 ma jistax jitqies li jitbiegħed mill-ispirtu tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni. Fil-fatt, nikkunsidra li din il-kjarifika ma kinitx meħtieġa peress li l-indipendenza hija element fundamentali tad-definizzjoni ta' aġent kummerċjali, li tinsab fl-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva.

34. Barra minn hekk, inqis li min-nuqqas ta' din il-kjarifika għandu jiġi konkluż li l-leġiżlatur tal-Unjoni qies li l-indipendenza tal-aġent kummerċjali ma tistax tiġi kkontestata biss minħabba s-subordinazzjoni għall-istruzzjonijiet ta' prinċipal, iżda wkoll minħabba arranġamenti oħra li jikkonċernaw il-kompiti ta' aġent.

35. Għalhekk, inqis li l-preżenza personali kontinwa fl-istabbilimenti ta' prinċipal, li twassal għal dipendenza totali fuq it-tagħmir u l-persunal tiegħu, tista', f'ċerti każijiet, twassal biex l-aġent kummerċjali jitlef l-indipendenza tiegħu. Madankollu, jirriżulta mit-talba għal deċiżjoni preliminari li, f'dan il-każ, A. Ghaye kien kompletament indipendenti u kien jaħdem f'awtonomija sħiħa mal-klijenti, mal-fornituri u mal-intraprendituri.

36. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ippreżentati iktar 'il fuq, nipproponi li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-ewwel domanda preliminari tkun li l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 86/653 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jeżiġix li aġent kummerċjali jeżerċita l-attivitajiet tiegħu b'mod itineranti, barra mill-istabbilimenti ta' prinċipal.

7 Ara l-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar il-Koordinazzjoni tal-Liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardaw lill-Aġenti Kummerċjali (li jaħdmu għal rashom), ippreżentata mill-Kummissjoni lill-Kunsill fis-17 ta' Diċembru 1976, (ĠU 1977 C 13, p. 2).

## B. Fuq it-tieni u t-tielet domanda preliminari

37. Permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-kunċett ta' "aġent kummerċjali" fis-sens tad-Direttiva 86/653 jipprekludix li dan l-aġent iwettaq kompiti oħrajn minbarra dawk marbutin man-negozju tal-bejgħ jew tax-xiri tal-merkanzija għall-prinċipal u mal-innegozjar u mal-konklużjoni ta' dawn it-tranżazzjonijiet għan-nom ta' u f'isem il-prinċipal. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk dawn il-kompiti jistgħux jitwettqu minn aġent kummerċjali meta l-importanza tagħhom ma tippermettilhomx li jitqiesu bħala sekondarji għall-funzjoni essenzjali ta' aġent kummerċjali, kif previst f'din id-direttiva. It-tielet domanda hija magħmula fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja twieġeb għat-tieni domanda fis-sens li dawn iż-żewġ kategoriji ta' kompiti jistgħu jkunu kumulattivi.

38. Il-Kummissjoni għandha dubji fir-rigward tal-ammissibbiltà tat-tielet domanda. Fil-fehma tagħha, sa fejn id-deċiżjoni tar-rinviju tippreċiża li l-kompiti eżerċitati minn ZAKO bħala aġent kummerċjali u l-kompiti l-oħrajn fdati lilha minn Sanidel kienu ta' importanza ugwali, it-tielet domanda hija ipotetika.

39. Madankollu, kif tosserva l-Kummissjoni, il-qorti tar-rinviju tindika li, f'dan il-każ, dawn iż-żewġ kategoriji ta' kompiti kellhom l-istess importanza. Għalhekk, sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, għandu jiġi eżaminat ukoll jekk il-kompiti differenti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 86/653, jistgħux jitwettqu meta l-importanza tagħhom ma tippermettix li jitqiesu bħala sekondarji għall-funzjoni essenzjali ta' aġent kummerċjali. Għal dawn ir-raġunijiet nikkunsidra li t-tielet domanda hija ammissibbli.

40. Barra minn hekk, minħabba n-natura tat-tieni domanda, jeħtieġ li, sabiex tingħata risposta għaliha, għandha tiġi indirizzata l-kwistjoni legali mqajma permezz tat-tielet domanda. Għalhekk, inqis li, minħabba l-konnessjoni tagħhom, it-tieni u t-tielet domanda għandhom jiġu mwieġba flimkien.

### *1. Il-pożizzjonijiet tal-partijiet*

41. Il-Gvern Ġermaniż u dak Taljan ipproponew li tingħata risposta konġunta għat-tieni u t-tielet domandi, filwaqt li Sanidel u l-Kummissjoni jipproponu li tingħata risposta separata. Madankollu, il-partijiet interessati kollha jaqblu fuq il-fatt li aġent kummerċjali, jista' jwettaq kompiti differenti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 86/653.

42. Madankollu, nosserva li l-partijiet ikkonċernati jressqu żewġ pożizzjonijiet distinti fir-rigward tan-natura ta' dawn il-kompiti differenti li jistgħu jitwettqu minn aġent kummerċjali.

43. Minn naħa, skont il-Gvern Ġermaniż, l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 86/653 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-aġent kummerċjali jista', bħala prinċipju, iwettaq kompiti oħra barra dawk li huma relatati man-negozjar tal-bejgħ jew tax-xiri ta' merkanzija għall-prinċipal u man-negozjar u l-konklużjoni ta' dawn it-tranżazzjonijiet f'isem u għan-nom tal-prinċipal.

44. B'mod konsistenti ma' dan l-approċċ, f'dak li jikkonċerna t-tieni domanda preliminari, il-Kummissjoni tqis li hemm lok li l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 86/653 jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li l-aġent kummerċjali jwettaq kompiti oħra barra dawk marbuta man-negozjar ta' bejgħ jew ta' xiri ta' merkanzija għall-prinċipal. Fir-rigward tat-tielet domanda, il-Kummissjoni ssostni li tali kompiti ma għandhomx jiġu eżerċitati b'mod sekondarju. Barra minn hekk, sa fejn l-attivitajiet ta' aġent kummerċjali u dawk tal-impjegat jitwettqu bl-istess mod, jista' jiġi kkunsidrat li, f'dan il-każ, jeżistu żewġ tipi ta' kuntratti li huma simili għal xulxin, jiġifieri kuntratt ta' aġenzija kummerċjali li jkopri l-attivitajiet relatati u kuntratt għal attivitajiet ta' intrapriża jew għal attivitajiet b'salarju. Kull wieħed minn dawn il-kuntratti għandu jkun irregolat minn regoli speċifiċi għalih.

45. Min-naħa l-oħra, il-Gvern Taljan jipproponi li tingħata risposta konġunta għat-tieni u għat-tielet domandi fis-sens li l-kuntratt ta' aġenzija jista' jinkludi obbligi sekondarji għall-aġent kummerċjali, sakemm dawn ma jbiddlux il-kuntratt billi jibqgħu ta' rilevanza sempliċement strumentali għall-obbligu prinċipali ta' dan l-aġent.

46. Bl-istess mod, Sanidel tikkunsidra, f'dak li jirrigwarda t-tieni domanda, li mid-Direttiva 86/653 ma jirriżultax li aġent kummerċjali għandu jiddedika l-ħin kollu tiegħu, esklużivament, għall-kompiti msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva. Madankollu, fir-rigward tat-tielet domanda, Sanidel tippreċiża li huwa importanti li kompiti oħrajn ikunu marbuta mal-attività ta' negozjar u tal-bejgħ, jiġifieri li jkunu meħtieġa jew essenzjali għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' aġenzija kummerċjali.

## *2. Evalwazzjoni*

47. Sabiex tingħata risposta għat-tieni u t-tielet domanda preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju, jeħtieġ l-ewwel nett li tiġi eżaminata d-Direttiva 86/653 sabiex jiġi ddeterminat jekk, fil-prinċipju, tipprekludix li aġent kummerċjali jwettaq kompiti li ma jaqgħux taħt il-funzjoni essenzjali tiegħu, kif prevista f'din id-direttiva. Fit-tieni lok, inqis li jeħtieġ li jiġu eżaminati d-dubji tal-qorti tar-rinviju dwar il-klassifikazzjoni tal-ftehim konkluż bejn il-partijiet fil-kawża prinċipali fid-dawl tad-Direttiva 86/653.

### *a) Fuq l-eżerċizzju ta' kompiti differenti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 86/653*

48. Għandu jiġi osservat, qabel kollox, li, skont l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 86/653, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li din id-direttiva ma tapplikax għal dawk il-persuni li jeżerċitaw l-attivitajiet ta' aġent kummerċjali li huma kkunsidrati sekondarji bil-liġi ta' dak l-Istat Membru.

49. Jidher li ftit Stati Membri għamlu użu minn din il-possibbiltà [8]. Madankollu, irrispettivament mill-kwistjoni dwar l-użu effettiv tal-possibbiltà msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 86/653, il-fatt li din il-possibbiltà ġiet prevista mil-leġiżlatur tal-Unjoni turini li, fil-prinċipju, jistgħu jingħaqdu kompiti oħra ma' dawk li jaqgħu taħt l-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva [9].

50. Barra minn hekk, la jirriżulta minn din id-dispożizzjoni u lanqas minn xi dispożizzjoni oħra ta' din id-direttiva li, biex titqies bħala aġent kummerċjali indipendenti, persuna tista' twettaq kompiti li jaqgħu taħt din l-ewwel dispożizzjoni b'mod sekondarju biss. Min-naħa l-oħra, xejn ma jipprekludi li dik il-persuna twettaq, b'mod sekondarju, il-kompiti deskritti fl-Artikolu 1(2) tal-imsemmija direttiva.

51. Ċertament, l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 86/653 jeżiġi li aġent kummerċjali jkollu l-awtorità jwettaq il-kompiti msemmija f'din id-dispożizzjoni b'mod permanenti. Għaldaqstant, fil-prinċipju, aġent għandu jkun inkarigat mill-prinċipal b'mandat permanenti [10]. Madankollu, id-duttrina tqis li l-attivitajiet eżerċitati fuq bażi sekondarja jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżit tal-permanenza [11]. Fil-fatt, dan ir-rekwiżit, kif previst fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 86/653, ma għandux jiġi konfuż mar-rekwiżit ta' prevalenza li ma hijiex imposta minn din id-Direttiva [12].

8 Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 92b tal-Handelsgesetzbuch (il-Kodiċi Kummerċjali Ġermaniż). Fid-duttrina, ara Wagner, V., *Le Nouveau Statut de l'agent commercial: etude en droit français, en droit communautaire et en droit comparé*, Presses universitaires du Septentrion, Pariġi, 2003, p. 44. Ara, ukoll, Gardener, C., "The Meaning of 'Negotiate' under the Commercial Agents Directive. Just Who Is a Commercial Agent", Commercial Law Practitioner, 2006, vol. 13, Nru 4, p. 109.

9 Ara de Theux, A., *Le Statut européen de l'agent commercial. Approche critique de droit comparé*, Pubblikazzjoni tal-Facultés universitaires Saint-Louis, Brussell, 1992 p. 39.

10 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Marzu 2006, Poseidon Chartering (C-3/04, EU:C:2006:176, punti 24 u 25).

11 Ara Kileste, P., "La loi belge du 13 avril 1995 relative au contrat d'agence commerciale transposant en droit interne la directive européenne 86/653", Revue de droit des affaires internationales, Nru 7, 1995, p. 805, u Verbraeken, C., de Schoutheete, A., "La loi du 13 avril 1995 relative au contrat d'agence commerciale", Journal des tribunaux, 1995, p. 462.

12 F'dan ir-rigward infakkar li l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 86/653 jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx din id-direttiva għal persuni li jwettqu attivitajiet ta' aġenti kummerċjali meqjusa li huma sekondarji.

52. Fl-aħħar nett, kif jirriżulta mill-analiżi tiegħi dwar l-ewwel domanda preliminari [13], il-modi li bihom jistgħu jitwettqu l-kompiti ta' aġent kummerċjali ma għandhomx itellfulu l-indipendenza tiegħu. F'ċerti każi, il-fatt li aġent kummerċjali jwettaq ukoll kompiti oħrajn minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 86/653 jista' jikkompromettі l-indipendenza tiegħu. Madankollu, bl-eċċezzjoni ta' din ir-restrizzjoni, l-akkumulazzjoni tal-kompiti jidhirli li hija permissibbli taħt is-sistema prevista minn din id-direttiva. F'dan il-kuntest għandu jitfakkar li l-qorti tar-rinviju tindika li, f'dan il-każ, A. Ghaye kien igawdi minn awtonomija u indipendenza totali.

53. Fil-qosor, il-kunsiderazzjonijiet preċedenti jistgħu jikkostitwixxu indikazzjoni li d-Direttiva 86/653 ma tipprekludix li aġent kummerċjali jwettaq kompiti differenti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva. Barra minn hekk, ma huwiex wisq relevanti jekk tali kompiti jitwettqux b'mod sekondarju jew le.

### *b) Fuq il-klassifikazzjoni tal-ftehim inkwistjoni u l-applikabbiltà tad-Direttiva 86/653*

#### *1) L-identifikazzjoni tal-problema*

54. Il-qorti tar-rinviju tindika li huwa importanti li jiġi kklassifikat it-tip ta' ftehim konkluż bejn il-partijiet fil-kawża prinċipali sabiex jiġi deċiż jekk it-terminu relattiv għall-kuntratti ta' aġenzija kummerċjali huwiex applikabbli f'dan il-każ. Huwa f'dan il-kuntest li, permezz tat-tieni u t-tielet domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk it-twettiq ta' kompiti oħrajn minbarra dawk marbutin man-negozjar u l-konklużjoni ta' negozju għall-prinċipal jistax jibdel it-tip ta' ftehim ta' aġenzija kummerċjali fejn dawn il-kompiti ma jkunux sekondarji.

55. Dawn il-mistoqsijiet jinstabu wkoll fl-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni, sa fejn din tal-aħħar tikkunsidra li hemm żewġ tipi ta' kuntratti f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali fejn l-attivitajiet ta' aġent kummerċjali u dawk ta' impjegat jitwettqu bl-istess mod. F'dan ir-rigward, b'risposta għal mistoqsija tal-Qorti tal-Ġustizzja magħmula waqt is-seduta, il-Kummissjoni indikat li meta, skont il-liġi applikabbli, kuntratt ma jkunx jista' jinqasam, dan il-kuntratt għandu jiġi kklassifikat skont l-elementi ewlenin tiegħu.

56. L-istess jgħodd għall-osservazzjonijiet bil-miktub ta' Sanidel u tal-Gvern Taljan sa fejn huma jqisu li aġent kummerċjali jista' jwettaq kompiti differenti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 86/653 sakemm dawn il-kompiti ma jibdlux il-kuntratt ta' aġenzija kummerċjali.

57. Jidhirli li dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha jirriflettu l-approċċ klassiku tad-dritt privat, li jikkonsisti fil-klassifikazzjoni tal-kuntratt biex tiġi applikata l-iskema xierqa għalih. Ċerti leġiżlaturi nazzjonali jiddefinixxu tipi ta' kuntratti [14]. Tali definizzjoni tiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn tip ta' kuntratt partikolari.

58. Madankollu, f'ċerti każijiet, il-ftehim konkluż bejn il-partijiet għandu elementi karatteristiċi ta' diversi tipi ta' kuntratti. Dawn l-hekk imsejħa kuntratti mħallta xi drabi joħolqu problema biex jiġu kklassifikati.

13 Ara l-punti 28 sa 35 ta' dawn il-konklużjonijiet.

14 Ara, f'dak li jikkonċerna, b'mod partikolari, id-dritt Pollakk, Sośniak, M., Zagadnienia typologii i systematyki umów obligacyjnych, Wydawnictwo UŚ, Katowice, 1990, p. 73. F'dak li jikkonċerna l-perspettiva ta' ġuristi barranin dwar l-approċċ leġiżlattiv segwit fid-dritt Pollakk ara, Raff, T., "Vertragstypenbildung im polnischen Recht unter besonderer Berücksichtigung der Generalklausel von Art. 750 KC", f'Andrés Santos, F.J., Baldus, Ch., Dedek, H., (dir.), Vertragstypen in Europa: Historische Entwicklung und europäische Perspektiven, Sellier European Law Publishers, Munich, 2011, p. 235. F'dak li jikkonċerna l-aspetti partikolari tas-sistema legali tal-common law, ara Samuel, G., "Classification of contracts: A view from a common lawyer", f'Andrés Santos F.J., Baldus, Ch., Dedek, H., (dir.), Vertragstypen in Europa: Historische Entwicklung und europäische Perspektiven, Sellier European Law Publishers, Munich, 2011, p. 117.

59. Biex jirrimedja din is-sitwazzjoni, il-leġiżlatur nazzjonali għandu l-għażla bejn diversi opzjonijiet. Waħda minnhom, proposta mill-Kummissjoni, hija dik li l-ftehim konkluż bejn il-partijiet jinqasam f'żewġ kuntratti. Opzjoni oħra hija li l-kuntratt jitqies bħala kuntratt wieħed imħallat b'żewġ partijiet, fejn kull waħda minn dawn il-partijiet għandha tkun irregolata mir-regoli speċifiċi għaliha. Kuntratt imħallat bħal dan jista' wkoll jitqies li huwa rregolat biss mid-dispożizzjonijiet ġenerali tad-dritt tal-obbligi kuntrattwali. Huwa l-leġiżlatur nazzjonali li jagħżel kif jikklassifika l-kuntratti mħallta.

*2) Fuq id-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 86/653*

60. Sabiex tingħata risposta għall-problema legali mqajma fil-kuntest tat-tieni u t-tielet domandi preliminari dwar il-klassifikazzjoni tal-ftehim inkwistjoni, jeħtieġ li wieħed jirreferi għall-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 86/653. F'dan ir-rigward nosserva li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma ddefinixxiex il-kuntratt ta' aġenzija kummerċjali fil-kuntest ta' din id-direttiva. Għall-kuntrarju, il-kunċett ta' "aġent kummerċjali" biss huwa ddefinit fl-Artikolu 1(2), tal-imsemmija direttiva, moqri flimkien mal-Artikolu 1(3) u mal-Artikolu 2(1) tagħha.

61. Għandu jiġi osservat li huwa bl-użu tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "aġent kummerċjali" li l-leġiżlatur tal-Unjoni ddetermina il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 86/653. Barra minn hekk, l-Artikoli 1 u 2 ta' din id-direttiva jinsabu fil-kapitolu intitolat "Il-Kamp ta' l-applikazzjoni". Din il-loġika tirriżulta wkoll mit-titolu tad-Direttiva 86/653: din ma tikkoordinax id-drittijiet dwar il-kuntratti ta' aġenzija kummerċjali iżda l-liġijiet tal-Istati Membri *li jirrigwardaw l-aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom*. Dan l-approċċ fir-rigward tad-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva huwa rifless ukoll fil-ġurisprudenza li tgħid li din id-direttiva hija intiża għall-protezzjoni ta' persuni li għandhom il-kwalità ta' aġenti kummerċjali [15].

62. Għandu jiġi osservat li dan l-approċċ fir-rigward tad-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 86/653 huwa differenti minn dak segwit f'direttivi oħrajn li jarmonizzaw l-aspetti speċifiċi tad-dritt privat. Pereżempju, id-Direttiva 2008/48/KE [16] tapplika għal ftehim ta' kreditu, kif jirriżulta mill-Artikolu 1(1) tagħha. Barra mill-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi, meqjusin bħala partijiet dgħajfa f'relazzjonijiet kuntrattwali, wieħed jista' jsemmi d-Direttiva 2002/47/KE [17] li hija applikabbli, skont l-Artikolu 1(1) tagħha, għall-arranġamenti dwar il-kollateral finanzjarju fil-forma ta' flus kontanti jew ta' strumenti finanzjarji u li jistabbilixxi arranġamenti partikolari għall-arranġament kollaterali finanzjarju bħala strument legali partikolari [18].

15 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-30 ta' April 1998, Bellone (C-215/97, EU:C:1998:189, punt 13), u tad-9 ta' Novembru 2000, Ingmar (C-381/98, EU:C:2000:605, punt 20).

16 Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU 2008 L 133, p. 66).

17 Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2002 dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 3, p. 89).

18 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Aviabaltika (C-107/17, EU:C:2018:239, punt 85).

*3) Konsegwenzi misluta mid-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 86/653*

63. Filwaqt li l-leġiżlatur tal-Unjoni introduċa definizzjoni tal-aġent kummerċjali fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 86/653, jidhirli li xi leġiżlaturi nazzjonali għażlu li jiddefinixxu l-kuntratt ta' aġenzija kummerċjali [19]. Nassumi li, għal dawn il-leġiżlaturi, il-fatt li jiġi rregolat il-kuntratt ta' aġenzija fid-dritt nazzjonali kien iġġustifikat mil-lat prattiku. Barra minn hekk, id-Direttiva 86/653 fiha d-dispożizzjonijiet essenzjali ta' kuntratt ta' aġenzija [20] u hija ġurisprudenza stabbilita li din id-direttiva għandha l-għan li tarmonizza d-dritt tal-Istati Membri fir-rigward tar-relazzjonijiet ġuridiċi bejn il-partijiet f'kuntratt ta' aġenzija kummerċjali [21].

64. Madankollu, il-fatt li l-leġiżlatur tal-Unjoni ddetermina l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 86/653 billi ma bbażax ruħu fuq il-kunċett ta' "kuntratt ta' aġenzija kummerċjali", iżda fuq dak ta' "aġent kummerċjali", iġegħelni naħseb li huwa ried jiżgura li d-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva japplikaw indipendentement mill-klassifikazzjoni ta' ftehim imħallat li jorbot persuna li twettaq il-kompiti msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva mal-parti kontraenti tagħha. Barra minn hekk, tali determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni hija konsistenti mal-loġika ta' din l-istess direttiva sa fejn is-sistema stabbilita minn din id-direttiva hija obbligatorja, għall-inqas fir-rigward ta' ċerti aspetti tagħha [22].

65. B'hekk, fl-ewwel lok, meta jiġi stabbilit li persuna twettaq il-kompiti msemmija fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 86/653 taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fih, b'mod partikolari rigward l-indipendenza u l-permanenza tal-mandat tagħha, mingħajr ma taqa' fl-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 1(3), u fl-Artikolu 2(1) ta' din id-direttiva, l-imsemmija direttiva tapplika sa fejn din il-persuna twettaq il-funzjonijiet ta' aġent kummerċjali. Konsegwentement, il-fatt li persuna twettaq ukoll kompiti differenti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 1(2) ta' din l-istess direttiva ma jistax, fih innifsu, iċaħħadha mill-istatus ta' aġent kummerċjali fis-sens ta' din id-direttiva.

66. It-tieni nett, f'dak li jirrigwarda l-kwistjoni legali dwar il-klassifikazzjoni tal-ftehim konkluż bejn il-partijiet fil-kawża prinċipali, li wasslet lill-qorti tar-rinviju biex tagħmel it-tieni u t-tielet domandi preliminari, ninnota li d-Direttiva 86/653 ma tarmonizzax it-termini li fihom l-aġenti kummerċjali għandhom iressqu l-applikazzjoni tagħhom għat-twettiq tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva. L-istess japplika għat-termini għat-twettiq tal-kompiti differenti minn dawk imsemmija f'din id-dispożizzjoni. Barra minn hekk, l-imsemmija direttiva ma teżiġix li d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju tal-kompiti ta' aġent kummerċjali japplikaw għall-kompiti mhux relatati mal-funzjoni essenzjali ta' dan l-aġent, kif previst minn din id-direttiva.

67. Madankollu, kif jirriżulta mill-punti 64 u 65 ta' dawn il-konklużjonijiet, intermedjarju li jaħdem għal rasu ma jitlifx l-istatus tiegħu ta' aġent kummerċjali minħabba l-eżerċizzju ta' funzjonijiet differenti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 86/653.

19 Fir-rigward tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 86/653 fid-dritt nazzjonali Belġjan, ara Kileste, P., "La loi belge du 13 avril 1995 relative au contrat d'agence commerciale transposant en droit interne la directive européenne 86/653", Revue de droit des affaires internationales, 1995, Nru 7, p. 804. Barra minn hekk, din id-definizzjoni ġiet introdotta, b'mod partikolari, fid-dritt Taljan (Artikolu 1742 tal-codice civile (il-Kodiċi Ċivili Taljan)), fid-dritt Olandiż (Artikolu 7:428 tal-Burgerlijk Wetboek (il-Kodiċi Ċivili Olandiż)] u fid-dritt Pollakk (Artikolu 758(1) tal-Kodeks cywilny (il-Kodiċi Ċivili Pollakk)).

20 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Ottubru 2013, Unamar (C-184/12, EU:C:2013:663, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll tat-3 ta' Diċembru 2015, Quenon K. (C-338/14, EU:C:2015:795, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża Agro Foreign Trade & Agency (C-507/15, EU:C:2016:809, punt 34).

21 Ara s-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, Unamar (C-184/12, EU:C:2013:663, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 Ara s-sentenzi tad-9 ta' Novembru 2000, Ingmar (C-381/98, EU:C:2000:605, punt 21), tas-17 ta' Ottubru 2013, Unamar (C-184/12, EU:C:2013:663, punt 40), u tas-16 ta' Frar 2017, Agro Foreign Trade & Agency (C-507/15, EU:C:2017:129, punt 30).

68. Għaldaqstant, jiena tal-fehma li, tkun xi tkun is-soluzzjoni magħżula fid-dritt nazzjonali f'dak li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' kuntratti mħallta[23], l-eżerċizzju ta' funzjonijiet differenti minn dawk relatati man-negozjar u mal-konklużjoni ta' negozju għall-prinċipal ma jistax iħassar kompletament il-klassifikazzjoni tal-ftehim konkluż bejn il-partijiet bħala aġenzija kummerċjali, anki meta tali kompiti oħra ma humiex sekondarji għall-funzjoni essenzjali ta' aġent kummerċjali prevista mid-Direttiva 86/653. Barra minn hekk, għalkemm id-dritt nazzjonali ma pprovdiex soluzzjoni ċara dwar is-separazzjoni ta' dawn iż-żewġ kategoriji ta' kompiti, hemm lok li, sa fejn hu possibbli, tiġi adottata l-klassifikazzjoni ta' kuntratt ta' aġenzija kummerċjali permezz tal-liġi applikabbli, għall-inqas fir-rigward tal-kompiti li jaqgħu taħt l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 86/653.

69. Fid-dawl ta' dawn l-argumenti, nipproponi li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għat-tieni u t-tielet domanda preliminari għandha tkun li l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 86/653 għandu jiġi interpretat fis-sens li dan ma jipprekludix li aġent kummerċjali jwettaq kompiti oħra barra dawk imsemmija f'din id-dispożizzjoni. Huwa irrilevanti li tali kompiti oħra jistgħu jitqiesu sekondarji għall-funzjoni essenzjali ta' aġent kummerċjali. Barra minn hekk, sa fejn l-aġent kummerċjali jwettaq il-kompiti li jaqgħu taħt l-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-imsemmija direttiva huma applikabbli indipendentement mis-soluzzjoni adottata fid-dritt nazzjonali f'dak li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' kuntratti mħallta.

## VI. Konklużjoni

70. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari mressqa mit-Tribunal de commerce de Liège (il-Qorti Industrijali ta' Liège, il-Belġju) kif ġej:

1) L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 86/653/KEE tat-18 ta' Diċembru 1986 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membru li jirrigwardaw aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jeżiġix li aġent kummerċjali jeżerċita l-attivitajiet tiegħu b'mod itineranti, barra mill-istabbilimenti ta' prinċipal.

2) L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 86/653 għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa ma jipprekludix li aġent kummerċjali jwettaq kompiti oħra barra dawk imsemmija f'din id-dispożizzjoni. Huwa irrilevanti li tali kompiti oħra jistgħu jitqiesu sekondarji għall-funzjoni essenzjali ta' aġent kummerċjali. Barra minn hekk, sa fejn dan l-aġent kummerċjali jwettaq il-kompiti li jaqgħu taħt l-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-imsemmija direttiva huma applikabbli indipendentement mis-soluzzjoni adottata fid-dritt nazzjonali fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' kuntratti mħallta.

23 Ara l-punt 59 ta' dawn il-konklużjonijiet.